MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 1622/1999/1

**Schoeller International GMBH kif rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino**

**v.**

**Mario Ellul, Modern Plastic Containers Ltd., Modern Crown Stoppers Co. Ltd., Modern Buttons Ltd., Modern Blow & Packaging Ltd., Sandmar Ltd., u Waste Control Services Ltd.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Lulju, 1999 l-attur nomine ppremetta illi b'sentenza moghtija fil-31 ta' Marzu, 1998, mill-Qorti Distrettwali ta' Munich 1, fil-Germania fil-kawza fl-ismijiet "Schoeller International GMBH kif rapprezentata mill-Managing Director taghha Peter Weber –vs- Mario Ellul, Modern Plastic Containers Ltd., Modern Crown Stoppers Ltd., Modern Buttons Ltd., Modern Blow & Packaging Ltd., Sandmar Ltd., u Waste Control Services Ltd." (File No: 24016619/96), il-konvenuti gew solidalment kundannati li jhallsu lis-socjeta` attrici is-somma ta' mija sitta u disghin elf u mitejn u hamsin mark tedesk (196.250.00DM) oltre l-interessi bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) fuq is-somma ta' erbgha u erbghin elf mitejn u hamsin mark tedesk (44,250.00DM) mit-28 ta' Frar 1996 u fuq is-somma ta' mija u tnejn u hamsin elf mark tedesk (152,000.00DM) mill-14 ta' Dicembru, 1995 u l-ispejjes legali relattivi; illi sallum il-konvenuti naqsu li jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammonti kanonizzati bis-sahha ta' din is-sentenza; illi din is-sentenza estera tissodisfa ir-rekwiziti kollha elenkati fl-artikolu 826 sa 829 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tista' tigi dikjarata li hija ezegwibbli hawn Malta; dan premess l-attur nomine talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara ezegwibbli u konsegwentement tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija fil-31 ta' Marzu 1998, mill-Qorti Distrettwali ta' Munich 1 fil-Germania fil-kawza fl-ismijiet "Schoeller International GMBH kif rapprezentata mill-Managing Director taghha Peter Weber –vs- Mario Ellul, Modern Plastic Containers Ltd., Modern Crown Stoppers Ltd., Modern Buttons Ltd., Modern Blow & Packaging Ltd., Sandmar Ltd., u Waste Control Services Ltd." bhallikieku kienet sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti, biex b'hekk is-socjeta` attrici tkun tista' tezigi l-hlas ta' dik is-somma fi flus maltin li skond ir-rata ta' kambju vigenti fid-data li tippronunzja ruha dina l-Onorabbli Qorti jew fid-data ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, tkun ekwivalenti ghal mija u sitta u disghin elf u mitejn u hamsin mark tedesk (196,250.00DM) oltre l-interessi bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) li jibdew jiddekorru mid-dati u relattivament ghall-ammonti hawn fuq indikati kif ukoll l-ispejjes legali ta'

dawn il-proceduri esteri li ghandhom jigu likwidati ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-29 ta' Dicembru 1998 li jibqghu ngunti minn issa biex jidhru in subizzjoni.

B'nota pprezentata fit-3 ta' Dicembru, 1999 il-konvenuti eccepew:-

1. Illi fl-ewwel lok trid tigi ezebita kopja ufficjali tas-sentenza tal-31 ta' Marzu, 1998, li taghha d-ditta attrici qed titlob l-esekuzzjoni, kif ukoll prova li l-istess sentenza hija finali u definittiva.

2. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-sentenza tedesca ma tistax tigi esegwita hawn Malta u dana ghall-diversi ragunijiet:-

(a) in kwantu diretta kontra Mario Ellul, is-sentenza tmur kontra l-ordni guridiku malti, ghax Direttur/impjegat ta' kumpanija ma jista' qatt jinstab responsabbli ghad-djun tal-kumpanija, aktar u aktar meta ma kienx hu li iffirma l-kuntratt in kwistjoni;

(b) is-sentenza in kwantu diretta kontra l-konvenuti kollha minbarra l-Modern Plastic Containers hija wkoll kontra l-ordni guridiku malti, ghax kienet id-ditta Modern Plastic Containers Ltd. biss li kkonkludiet il-ftehim mad-ditta attrici.

(c) Is-sentenza mhux esegwibbli ghax fid-danni likwidati hemm element ta' danni morali li jmorru kontra l-ordni guridiku malti;

(d) Is-sentenza hija wkoll monka ghax ghalkemm hu veru li l-partijiet ghamlu riferenza ghall-ligi germaniza biex tirregola l-ftehim, il-Qorti tedesca kien messa addottat il-principju ta' 'renvoi' u irrikorriet ghal-ligi maltija, specjalment fil-likwidazzjoni tad-danni u d-dikjarazzjoni ta' responsabilita';

(e) Fil-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti tedesca ma hadetx kont tal-valur tal-parts li allegatament gew mibdula, u dan ukoll imur kontra l-ordni pubbliku malti.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tas-26 ta’Ottubru, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet mit-talbiet attrici kif ukoll mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti billi cahdet t-talba ghall-gharfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija fil-31 ta’ Marzu 1998 mill-Qorti ta’ Monaco, fil-Germanja, safejn it-talba hija maghmula kontra l-konvenut Mario Ellul proprio u laqghat t-talba safejn maghmula kontra l-konvenuti l-ohra u ghalhekk ordnat l-esekuzzjoni tas-sentenza kontra l-konvenuti l-ohra. Inoltre ordnat li l-ispejjes tal-konvenut Mario Ellul proprio ghandha thallashom l-attrici; l-ispejjes l-ohrajn kollha ghandhom ihallsuhom il-konvenuti l-ohrajn kollha flimkien in solidum u dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

*“L-art. 826 tal-Kodici ta’ Orgainizzazzjoni u Procedura Civili jghid illi sentenza moghtija minn qorti kompetenti ta’ pajjiz barra minn Malta, u li tkun saret gudikat, tista’ tigi esegwita mill-qrati ta’ Malta daqslikieku kienet sentenza moghtija minn qorti f’Malta. L-art. 827 imbaghad ighid hekk:*

*827. (1) Id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu li jigi minnufih qabel dan ma ghandhomx isehhu:*
*(a) jekk is-sentenza li taghha tintalab l-esekuzzjoni tista’ tkun attakkata ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 811;*

*(b) f’kaz ta’ sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skond il-ligi barranija;*

*(c) jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrari ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta’ Malta.*

*"Il-konvenuti qeghdin jopponu t-talbiet ta' l-attrici ghall-esekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti barranija ghax qeghdin ighidu li, ghal aktar minn raguni wahda, is-sentenza tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta.*

*"Sentenza ma titqiesx li tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta ghar-raguni biss illi, li kieku nstemghet u nqatghet hawn Malta, kienet tinqata' mod iehor; tmur kontra l-ordni pubbliku jekk tohloq konflitt ma' dawk il-principji ewlenin ta' l-ordni guridiku li huma l-qofol tas-sistema legali billi jharsu l-valuri l-aktar fondamentali tas-socjeta` fejn ikun fis-sehh dak l-ordni.*

*"Fil-fehma tal-qorti, l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti – hlief wahda – huma mibnija fuq l-ilment mhux li s-sentenza tmur kontra l-ordni pubbliku malti izda li ghazlet il-ligi tedeska flok dik ta' Malta. Il-qorti tedeska, izda, kienet marbuta li timxi fuq il-ligi tedeska ladarba dik kienet l-ghazla tal-partijiet fil-patt tal-ftehim dwar ghazla ta' ligi u ta' gurisdizzjoni:*

*11. <u>Jurisdiction</u>*

*All differences from this Rental Contract should be settled amicably among the contracting parties. In case of necessary court action the place of jurisdiction shall be Munich. Applicable law shall be German law without recourse to foreign courts and/or laws.*

*"L-istipulazzjoni "without recourse to foreign law" turi li hija hazina l-ahhar eccezzjoni, li riedet li l-qorti tedeska taghmel 'renvoi' ghal-ligi ta' Malta; barra minn hekk, jidher mis-sentenza stess illi d-dritt internazzjonali privat ma jippermettix renvoi*[1]*. Lanqas ma hu validu l-argument tal-konvenuti illi l-ghazla tal-ligi kienet limitata ghal kwistjonijiet li johorgu mill-kuntratt biss, waqt li l-kwistjoni quddiem il-qorti tedeska kienet wahda ta' danni akwiljani: fil-fatt il-kawza kienet dwar danni minhabba n-nuqqas ta' parti li thares l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghha, specifikament in-nuqqas tal-kerrej li jinqeda bil-haga mikrija* ut bonus paterfamilias.

---

[1] Art 27, Einfuhrungsgesetz zum Burgerliches Gesetzbuch.

*"Il-ligi tedeska kellha tirregola wkoll il-likwidazzjoni tad-danni, u, ghalkemm il-ligi ta' Malta, f'cirkostanzi bhal dawk li wasslu ghall-kawza, ma taghtix danni morali, il-kuncett ta' danni morali ma hux kontra l-ordni pubbliku ta' Malta, kif jixhed il-fatt li hemm cirkostanzi, ghalkemm limitati, fejn il-ligi ta' Malta, ukoll il-Kostituzzjoni stess, taghti danni morali.*

*"Barra minn hekk, lanqas ma taqbel din il-qorti li s-sentenza li qieghdha tintalab l-esekuzzjoni taghha taghti danni morali;  li taghmel hu li tillikwida d-danni fuq il-bazi ta' interpretazzjoni ta' patt tal-kuntratt.*

*"Fejn din il-Qorti taqbel mal-konvenuti hu fejn ighidu li s-sentenza ikkundannat persuni li ma kienux responsabbli ghad-danni.*

*"Dan qieghed jinghad mhux fil-kuntest ta' l-eccezzjoni illi kienet biss is-socjeta` Modern Plastic Containers Ltd li kienet parti fil-kuntratt. Il-kuntratt sar f'isem l-Ellul Group of Companies, li ma jfisser xejn hlief li s-socjetajiet kollha konvenuti kienu parti fil-kuntratt. Il-fatt li ma ssemmewx individwalment izda permezz ta' isem li jigborhom ilkoll ma jnaqqas xejn mill-fatt li kienu parti fil-kuntratt, daqskemm il-fatt li persuna li tidher fuq kuntratt mhux bl-isem civili taghha izda bid-ditta (trade name) ma jnaqqas xejn mill-fatt li tkun qieghda tintrabat b'dak il-kuntratt.*

*"Il-qorti izda taqbel mal-konvenuti illi l-kundanna kontra Mario Ellul proprio meta dan ma kienx parti fil-kuntratt, u meta ma ntweriet ebda raguni ghala dan kellu jwiegeb personalment ghad-djun ta' terzi, tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta ghax b'dik il-kundanna s-sentenza turi li ma hix qieghda taghti gharfien lil-ligi ta' Malta li taghti lil socjeta` inkorporata taht dik il-ligi personalita` separata minn dik tal-menbri u ta' l-ufficjali taghha. Din il-Qorti ma tistax taghraf sentenza barranija fejn dik is-sentenza ma tagharfx effett legittimu tal-ligi ta' Malta.*

*"Ghalhekk, it-talba ghall-gharfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza kontra Mario Ellul proprio ma tistax tintlaqa'."*

**L-appell tal-konvenuti kollha minbarra Mario Ellul.**

Il-konvenuti kollha, hlief il-konvenut Mario Ellul personalment, hassew ruhhom aggravti bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors ipprezentata fit-12 ta' Novembru, 2001, talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirriforma d-decizjoni fuq riportata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn cahdet it-talba attrici in kwantu hija maghmula kontra l-konvenut Mario Ellul proprio, tirrevoka, thassar u tannulla l-istess sentenza in kwantu laqghet it-talba safejn maghmula kontra l-konvenuti l-ohra u ordnat l-esekuzzjoni tas-sentenza kontra l-konvenuti l-ohra, u b'hekk tichad it-talba tal-atturi fl-intier taghha – bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Fir-risposta pprezentata fis-16 ta' Novembru, 2001 is-socjeta` attrici appellata sostniet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi pjenament konfermata u li ghalhekk, kif ukoll ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta, talbet li l-appell jigi michud bl-ispejjes kontra l-istess konvenuti appellanti.

L-aggravji mressqa mil-konvenuti appellanti huma motivati mill-aspettativa taghhom li jigu milqugha l-eccezzjonijiet mressqa fl-ahhar erba' paragrafi tan-nota tal-eccezzjonijiet taghhom, liema eccezzjonijiet huma msejjsa fuq dak li jiddisponi l-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 827 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Il-provvediment in kwistjoni jiddisponi li sentenza moghtija minn qorti kompetenti ta' pajjiz barra minn Malta, li tkun ghaddiet in gudikat, ma tistax tigi ezegwita mill-qrati ta' Malta "**jekk is-sentenza fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta.**"

L-ewwel aggravju, ghalhekk, jikkoncerna l-interess guridiku billi qed jinghad li l-Ewwel Qorti kellha twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza tedesca mhux biss fil-konfront ta' Mario Ellul proprio, kif fil-fatt ghamlet, izda wkoll fil-konfront tas-socjetajiet l-ohra li m'ghandhomx x'jaqsmu

man-negozju in kwistjoni. Qed jigi sottomess f'dan il-kuntest li nkwantu l-Ellul Group of Companies, li tirrizulta bhala l-"**lessee**" fil-"**Mould Rental Agreement"** iffirmat bejn il-kontendenti fit-13 ta' April, 1995, ma ghandhiex personalita` guridika, jehtieg *"li jigu identifikati dawk il-persuni li jkunu kkuntrattaw.*" Din l-eccezzjoni ghalhekk mhux qed tattakka l-ezegwibilita` tas-sentenza tal-qorti estera per se, izda trid li tali esekuzzjoni tkun limitata ghas-socjeta` Modern Plastic Containers Ltd li, skond l-konvenuti appellati, kienet l-uniku kontraenti fil-kirja tal-*mould* minghand is-socjeta` attrici.

Is-sentenza tat-31 ta' Marzu, 1998 moghtija mid-District Court of Munich 1, hija hekk moghtija fil-konfront ta' dawk il-persuni kollha li, f'dawn il-proceduri, huma indikati bhala konvenuti. Meta il-Qorti estera ikkonsidrat l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u cioe`dik fejn jinghad li l-konvenuti kollha, hlief ghas-socjeta` Modern Plastic Containers Ltd., ma kienux legittimi kontraditturi, osservat, korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti, li "An agreement is concluded by two corresponding declarations of intent. After receipt of the decalaration of acceptance, the agreement is regarded as concluded." U, wara ezami dettaljat tal-provi prodotti, dik il-Qorti kkonkludiet li "the rent agreement is regarded as being concluded by the plaintiff and all of the respondents." Dan hekk kellu jkun billi wkoll, kif osservat dik il-Qorti, "Ultimately, the respondents have not denied that all of the seven respondents are separate legal entities collectively forming the Ellul Group (of Companies)."

Wara ezami akkurat tal-atti processali kif ukoll tas-sentenza tal-Qorti tedesca, din il-Qorti tikkondividi dak li nghad fis-sentenza appellata fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, salv dak li ser jinghad hawn taht, u konsegwentement sejra tichad dan l-aggravju. Ikun utili hawn li jigi ripetut dak li jinghad fis-sentenza appellata u cioe` li "Il-kuntratt sar f'isem l-*Ellul Group of Companies*, li ma jfisser xejn hlief li s-socjetajiet kollha konvenuti kienu parti fil-kuntratt. Il-fatt li ma ssemmewx individwalment izda permezz ta' isem li jigborhom ilkoll ma jnaqqas xejn mill-fatt li kienu parti fil-kuntratt, daqskemm il-fatt li

persuna li tidher fuq kuntratt mhux bl-isem civili taghha izda bid-ditta (*trade name*) ma jnaqqas xejn mill-fatt li tkun qieghda tintrabat b'dak il-kuntratt." (Sottolinear ta' din il-Qorti).

F'dan il-kuntest din il-Qorti, pero`, thoss li ghandu jigi osservat li meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-sentenza ghax altrimenti il-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost ta' l-Artikolu 826 *et sequitur* tal-Kap 12. F'dawn ic-cirkostanzi kull ma hu rikjest mill-Qorti ta' Malta hu li tassigura li dik is-sentenza ma tkunx, (a)  tista' tigi attakkata ghal xi raguni li, skond il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, taghti lok ghar-ritrattazzjoni a tenur ta' l-Artkolu 811 tal-Kap 12, (b) li f'kaz ta' sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skond il-ligi barranija, u (c) li dik is-sentenza ma jkunx fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta. Fil-kuntest tal-kaz in ezami jigi osservat li gialadarba kien hemm gudikat fil-konfront ta' diversi konvenuti l-qorti maltija ma tistax, ghall-fini tal-Artikolu 826 tal-Kap 12, tindaga jekk, fir-realta`, kienx jezisti f'dawk il-partijiet in kawza l-interess guridiku li joqghodu f'dawk il-proceduri; dan huwa kompitu tal-qorti li tkun adita minn dawk il-proceduri, f'dan il-kaz il-Qorti ta' Munich.  La darba jkun hemm sentenza li ghaddiet in gudikat, li l-esekuzzjoni taghha qed tintalab, il-Qorti ta' Malta ma tistax terga tidhol fil-kwistjoni tal-legittimu kontradittur. Izjed u izjed meta tali eccezzjoni tkun giet sollevata fil-proceduri quddiem il-qorti estera u tkun inghatat decizjoni fir-rigward. Jekk din l-indagini tkun permessa jigri li jkun qed jinholoq dritt ta' appell minn sentenza ta' qorti estera li tkun ghaddiet in gudikat. Infatti jidher li l-appellanti odjerni accettaw is-sentenza tal-qorti estera f'dan ir-rigward, billi ma jidhirx li gie intavolat appell minn dik is-sentenza lill-Qorti ta' l-Appell fil-Germanja. Dan qed jinghad ukoll fir-rigward ta' dak li gie deciz fis-sentenza appellata fil-konfront tal-konvenut Mario Ellul proprio. Biss billi minn din il-parti tas-sentenza ma gie

intavolat ebda appell mill-parti interessata, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tippronunzja ruhha fir-rigward, hlief, forsi, bil-mod kif intqal hawn fuq.

Fit-tieni lok qed jigi sottomess li l-Qorti tedesca llikwidat danni minghajr ma ngiebu provi dwar il-quantum tal-hsara mentri, kif jinghad fir-rikors ta' l-appell, fis-sistema taghna, id-danni huma reali u jridu jkunu pruvati bhala inkorsi. Din il-Qorti pero` tikkondividi l-hsieb ta' l-ewwel qorti fis-sens li l-qorti tedesca ma akkordatx danni morali, ghalkemm dawn it-tip ta' danni, anke fis-sistema guridiku malti, mhux eskluzi. Infatti, fis-sentenza appellata, jinghad li d-danni gew likwidati (mill-Qorti Tedesca) fuq il-bazi ta' interpretazzjoni ta' patt tal-kuntratt, kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' parti li thares l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghha, specifikament in-nuqqas tal-kerrej li jinqeda bil-haga mikrija *ut bonus paterfamilias.*

Jidher li d-danni reklamati jaqghu taht zewg kapi. Dawk rizultanti minn hsara kkagunata lill-*mould* waqt li din kienet fil-pussess tal-*lessee,* u dawk naxxenti minn ksur, da parti tal-istess lessee, tal-kondizzjoni kontenuta fil-paragrafu 2 tal-Mould Rental Agreement inkwantu l-mould ma gietx ritornata lil-lessor fil-perjodu ta' tlett xhur hemm imsemmija. Issa ghal dawk li huma danni fil-*mould*, ammontanti ghal DM 44,250.00, jirrizulta, bl-aktar mod car, li kienu ingiebu provi sufficjenti a sodisfazzjon tal-qorti estera biex din tkun tista' tillikwida dan l-ammont bhala danni. Mentri d-danni fl-ammont ta' DM 152,000.00 gew akkordati a bazi tal-kera ta' DM 1000 miftehma bejn il-kontraenti a tenur tal-paragrafu 5 tal-kuntratt ghal kull gurnata li l-*mould* tibqa' fil-pussess tal-istess konvenuti oltre l-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 tal-istess *Mould Rental Agreement*. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Qed jigi sottomess ukoll li l-hsara fil-*mould* kienet "*cirkostanza mhux kontemplata fil-kuntratt u kwindi l-ligi applikabbli kellu jigi mistharreg skond il-principji tad-Dritt Internazzjonali Privat.*" Din il-Qorti izda ma tistax taqbel

ma din is-sottomissjoni billi mill-kuntratt li dahlu fih il-partijiet, u senjatament il-klawsola numru 11 tal-istess ftehim, jidher car li huma xtaqu li kull kontroversja li setghet tinqala u rizultanti mill-istess kirja, kellha tkun soggetta mhux biss ghall-gurisdizzjoni tal-qorti ta' Munich izda li kellha wkoll tigi regolata bil-ligi tedesca. Jigi osservat f'dan ir-rigward li l-ftehim jistipula l-perjodu tal-kirja (klawsola 2), cioe' "*maximum 3 months*", meta l-*mould* ikun "*at the disposal of LESSEE*". Dan it-terminu jimponi obbligu fuq il-kerrej li jirritorna l-*mould* fiz-zmien stipulat u, fin-nuqqas, ikun hemm l-obbligu ta' hlas ta' kumpens bhala danni minhabba l-inadempjenza kuntrattwali tal-istess LESSEE. L-istess kuntratt ukoll jikkontempla, fil-klawsola 8, hlas ta' danni rizultanti minn "mould damage". F'dawn iz-zewg cirkostanzi setghu jinqalghu "*differences*" bejn il-"*contracting parties*" li kienu jinnecessitaw dik il-"*court action*" kontemplata fil-klawsola 11 tal-kuntratt. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

**Ikkunsidrat:**

Finalment l-appellanti jissottomettu li s-sentenza estera, li taghha qed tintalab l-esekuzzjoni, tmur kontra l-principju li minn hu kostrett ihallas ghat-tiswijja ta' "parts" ghandu d-dritt ghall-"parts" danneggati.

Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni u dan ghal zewg ragunijiet:- (a) ir-relazzjonijiet bejn id-danneggat u d-danneggant huma relazzjonijiet prettament personali li, waqt li jghatu xi drittijiet lill-partijiet, bl-ebda mod ma jista', l-ksur taghhom, jekk hemm ksur, jigi kunsidrat li jinkwadra fil-kuncett ta' ordni pubbliku jew ligi pubblika u (b) il-ligi nostrana tiddisponi li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu (Art. 1031 Kap 16), liema hsara tinkludi t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara u l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara (Art. 1045 Kap 16).

Minn dan jidher li ma hemm ebda provvediment fil-Kodici Civili li jimponi obbligu fuq d-danneggat li, kif qed jigi sottomess, jirritorna l-"parts" danneggati. Jekk, pero`, l-

parti li tkun ikkagunat il-hsara tixtieq li tiehu pussess ta' dawk il-"parts" din ma tkunx prekluza milli titlob, b'azzjoni appozita, li jinghataw lilha dawk l-istess parts. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll qed jigi respint.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjes kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------